MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 12/2004

Kawza fil-lista: 38

**Salvu Bartolo**
**Vs**
**Joseph Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur justify ippremetta u talab hekk:

Billi l-attur Salvu Bartolo jinsab fil-pussess tar-raba u razzett maghrufa bhala tal-Fluff, f'Tarxien Road, Gudja, li ilha tinhadem minnhu ghall xi zmien sbatax il-sena;

Billi recentement huh Joseph Bartolo ippretend li jidhol f'l-istess ghalqa u razzett maghha kontra l-volonta tal-attur u sahansitra kisser il-katnazz li kien hemm max-xatba ta' din

l-ghalqa, hebb ghall-attur, kisser il-bieb tat-tinda f'l-ghalqa u dahal fiha u b'hekk ikkommetta spoll vjolenti ghad-dannu tal-attur;

Billi dan l-incident gara l-erbgha 10 ta' Dicembru, 2003;

Billi fis-7 ta' Jannar 2004 il-konvenut reggha fetah il-bieb tat-tinda u kissirlu l-firrol u dahal fir-razzett u l-ghalqa li hemm f'l-inhawi fuq imsemmija;

Jghid l-istess konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jispurga lis-spoll minnhu komess ghad-dannu tal-attur fir-rigward tar-raba u razzett maghrufa bhala tal-Fluff , f'Tarxien Road, Gudja u b'hekk jirreintegra lill-attur fil-pussess tieghu tal-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhu prefiss minn dina l-Qorti;

B'lis-spejjez u b'l-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;
Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni ta' spoll vjolent li permezz taghha l-attur qed jitlob li jigi reintegrat fil-pussess tieghu tar-raba u razzett maghrufa bhala Tal Fuff, sitwata go Tarxien Rd. Gudja.

Mill-provi rrizulta li l-ghalqa de quo inizjalment kienet tinhadem minn missier l-attur, u sussegwentement kompliet tinhadem mill-attur li ghal zmien twil, inkluz il-perijodu li fih sehh l-att spoljattiv, kellu l-pussess esklusiv taghha. Jirrizulta nkontestat li fl-10 ta' Dicembru 2003 il-konvenut, li jigi hu l-attur, biex jasserixxi l-pretensjoni tieghu dahal fil-fond de quo bi vjolenza u kontra r-rieda ta' l-attur, u dan wara li qaccat il-katnazz li kien hemm max-xatba, kif ukoll kisser il-bieb tat-tinda li hemm fl-ghalqa. Sussegwentement fis-7 ta' Jannar 2004 il-konvenut rega' fetah il-bieb tat-tinda u kissirlu l-firrol u dahal fir-razzett. Fid-9 ta' Jannar 2004 giet intavolata c-citazzjoni odjerna.

Dawn il-fatti jirrizultaw kemm mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur kif ukoll mid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi mill-premess kwadru tal-fatti tirrizulta provata l-konkorrenza ta' l-elementi kollha ta' l-ispoll privileggjat, u cioe' il-*possidesse, l-ispoliatum fuisse u l-infra bimestre deduxisse*, u ghalhekk it-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ghall-fini tar-reintegranda timponi terminu perentorju ta' gimghatejn millum. L-ispejjes kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------